**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 7354/2024**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Jesmond Muscat**

**<u>Illum 29 ta' April 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Jesmond Muscat** detentur tal-karta tal-identita Maltija 0325564M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-21 ta' Marzu 2024, ghal-habta ta' 15.10 hrs gewwa Had-Dingli:

1. Ikkacja, jew ippruva jikkacja, ha jew ippruva jiehu ghasafar minghajr licenzja valida ghal dak il-ghan mahruga mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur ta' Reg. 12(1) u it-tielet proviso tar-Reg. 27(3) ta' L.S. 549.42;
2. Waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar ha jew prova jiehu xi ghasfur u dan bi ksur tar-Reg. 18(1) (c) ta' L.S. 549.42;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tieghu jew zamm kampjun ta' ghasafar, kemm hajjin kif ukoll mejtin,

jew parti li tista' tingharaf jew derettivi ta' xi ghasfur li mhux inkluz fl-Iskeda II jew l-iskeda III u meta dak (- ghasfur ma kienx gie importat legalment skond id-dispozzizjonijiet tar-regolament 6(1) (a) jew kien akkwistat legalment fi Stat Membru jew imrobbi fil-maghluq u dan bi ksur ta' Reg. 4(1)(e) (ii-iv) ta' L.S. 549.42.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu ghasafar li huma protetti taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha, u dan bi ksur ta' Reg. 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;
5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma zarmx u ma nehhix l-imnasab (inkluzi lasti u xbiek) minn fuq il-post tal-insib immedjatament meta ghalaq l-istagun tal- harifa hekk kif mitlub minn Regolament 12(h) ta' L.S. 549.145;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, insab fuq sit li ma giex registrat u approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' Regolament 12(d) ta' L.S. 549.145 u bi ksur tat-tieni proviso ta' Reg. 8(2) ta' L.S. 549.42.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolarment 27(3) ta' l-A.L. 79 ta' l- 2006 hekk kif emendat u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht A.L. 79 ta' 1-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Novembru,2024, sabet lill-imputat mhux hati tas-sitt (6) imputazzjoni u minnu illiberatu, sabitu hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u kkundannatu jhallas multa ta' tlett elf Ewro (Ewro 3,000) li jistghu jithallsu b' rati mensili u konsekuttivi ta' Ewro 100 fix-xahar, ikkonfiskat il-*corpus delicti* u ordnat is-sospensjoni ta' licenzja relevanti ai termini tal-A.L. 79 ta' 2006 kif emendat ai termini

tar- Regolament 27(3) tal-A.L. 79 tal-2006 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal ghomru.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jesmond Muscat, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-28 ta' Novembru,2025, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirrevolka u thassar is-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), erba' (4) u hamsa (5). Tikkonfermaha fejn illiberatu mill-akkuza numru sitta (6) u konsegwentment tilliberah minn kull htija u piena.

- B' mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti taghti piena aktar idoneja ghall-kaz in kwistjoni billi tirriduci l-multa u/jew tirriduci s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess relevanti mahrug lill-appellant taht il-ligi sussidjarja 549.42 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

**L-EWWEL Aggravju Affidavits ta' PC 349 Daniel Caruana u PC 872 Jean-Claude Farrugia li jisabu fl-atti processwali.**

Illi kif inghad fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Mary Debono</u>** deciza fid- 19 ta' Novembru 1960 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef W. Harding:

> '*Ma jistghax ikun hemm dubbju li l-gurament hu haga serja hafna......imma fil-kaz ta' amministrazzjoni ta' gurament mhux f' Qorti ta' Gustizzja, dawn il-fatturi rassikurattivi jistguu jonqsu, u kien ghalhekk li l-legislatur, gustament preokkupat li min jaghti l-gurament, minn naha wahda, ghandu juri r-rispett dovut ghas-solennita' tal-att, u*

*min jiehu l-gurament, minn naha ohra, jifhem tajjeb il-konsegwenzi ta' gurament falz, impona lill-funzjonarju li f' kull kaz jagħmel din it-twissija.'*

Illi l-**Kap 79 tal-Ligijiet ta' Malta** fl-artikoli relevanti in materja jaqraw:

*3.(1) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien, b'warrant iffirmat minnu, jahtar persuni, li jkunu uffiċjali pubblici, impjegati pubbliċi avukati jew prokuraturi legali, bħala Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu gurament, u jista'f' kull żmien ihassar kull hatra bhal dik.*

*(2) II-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' wkoll, minn żmien għal żmien, jahtar persuni, ikunu jew ma jkunux uffiċjali pubbliċi, li jkunu qed jaqdu funzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-servizz barrani tal-Gvern f'xi pajjiż barra minn Malta, biex ikunu Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu gurament f' dak il-pajjiż, u jista' f' kull żmien ihassar kull hatra bhal dik.*

*(3) Il-hatra ta' uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku bħala Kummissjunarj u b'setgħa li jagħti gurament u kull hatra taht is-subartikolu (2) jistgħu jkunu jew persunali jew bl-isem tal-kariga jew tal-funzjonijiet moqdija minn dik il-persuna hekk mahtura.*

*(4) Kull hatra magħmula taht dan l-artikolu għandha tigi ippubblikata fil-Gazzetta tal- Gvern, u kull hatra bhal dik magħmula wara l-1 ta' Jannar, 1980 għandu jkollha effett biss mid-data ta' dik il-pubblikazzjoni.*

*6.(1) L-Avukat Ġenerali, id-Deputat Avukat Generali u dawk l-uffiċjali l-oħra tal-Avukat Ġenerali skont ma l-istess Avukat Ġenerali jista' minn żmien għal żmien jinnomina b'avviż fil-Gazzetta, kif ukoll il-Maġistrati u n-nutara, għandhom ex officio jkunu Kummissjunarji ghall-Guramenti....*

*Mela dawn l-ufficjali biss huma ex-officio persuni li meta jkunu fil-kariga jistghu jaghtu il-guramenti.*

*7. Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi mehud gurament jew magħmul affidavit bis- sahha ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-gurament ikun ġie mehud jew l-affidavit ikun sar:*

*Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi mehud gurament skont is-subartikolu (3) tal- artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il- gurament ikun gie mehudu li l-ġurament ġie mehud bil-mezzi elettronici.*

Jekk wiehed jezamina tajjeb l-affidavits li gew prezentati fil-mori tal-kawza mill-prosekuzzjoni ghandu jirrizulta is-segwenti:

**Affidavit ta' PC 349 Caruana** u **PC 872 Farrugia** huma it-tnejn suppost igguramentati mill-Kummissarju b' setgha li jaghti l-guramenti PS 2335 R. Chetcuti, barra li mhix persuna identifikabbli in linea mal-Kap 79 ghax lanqas isimha ma' hemm imnizzel ma hemmx prova li R. Chetcuti kien jew kienet (ghax lanqas nafu jekk hix mara jew ragel jew ta' xi sess iehor) ufficjal bis-seta li jaghti l-guramenti indikati fl-affidavits! Din il-prova hija kompletemant nieqsa u dan in linea ma' dak li intqal fis-sentenza ta' din il-

Qorti kif diversament ippreseduta fl-24 ta' Gunju 1998 per Onorevoli Vincent DeGaetano fil- kazwza Il-Pulizija vs Vincent Grima et.

Fin-nuqqas ta' xi disposizzjoni ta' ligi li tippovdi li persuna partikolari- jew persuna li tokkupa xi kariga partikolari-ghandha is-setgha, din is-setagha tinghata permezz ta' warrant mahrug taht l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar Kummissarji b' setgha li jaghtu Gurament (Kap 79). Dan il-warrant ma jammontax ghal ligi izda huwa biss fakulta' moghtija lil persuna partikolari li tamministra l-gurament; u ghalhekk trid issir il-prova ta' din il-fakolta' hekk moghtija. Fil-kaz in dizamina tali prova ma saritx.

Ghaldaqstant, I-Ewwel Onorabbli Qorti minhabba in-nuqqasijiet lampanti fil-forma fl- affidavits ta' PC 872 Farrugia u PC 349 Caruana, kellha konsegewnti ghalhekk tiskartahhom u kieku ghamlet hekk allura l-appellant kellu jigi liberat minn kull akkuza u htija ghax il-provi principali jserhu biss fuq ix-xhieda ta' tali pulizija.

**It-TIENI Aggravju- Data tal-incident hija dubbjuza.**

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju ghandu jinghad li hemm incertezza jekk dak addebitat lill-appelant sehhx fil- 21 ta' Marzu 2024 jew inkella fit- 22 ta' Marzu 2024. L- affidavit tal-pulizija jghidu li sehh fil-21 ta' Marzu, ix-xhieda ta' Fiona Burrows tghid il- 21 ta' Marzu pero' ir-rapport originali tas- Sinjura Fiona' Burrows jghid it- 22 ta' Marzu pero' hija tikkoregih seduta stante u tghid li kien fil- 21 ta' Marzu u tghid li kien biss 'clerical error'.

Interessanti li meta wiehed jara ir-rapport tal-pulizija a fol. 8 u 9 tal-process jinnota li l- parti'action taken' jissemma il- 21 ta' Marzu u is-sena mhux imnizzla. Filwaqt li meta l-istess ufficjali tal-pulizija jindikaw incident date from-to: inizzlu 22/03/2024.

Dan jista' jfisser biss li hemm tahwid li jwassal ghal kunftitt serju fil-provi stess tal-prosekuzzjoni. Dan il-konflitt kellu johloq dubbju serju f' mohh l-ewwel Onorabbli Qorti meta tassew sehhet l-allegat spezzjoni fuq l-appellant. B' hekk erronjament tali

dubbju minflok immilita favur 1-appelant kif titlob il-ligi ma giex lanqas ikkunsidrat mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant, minhabba dan il-kunflitt gravi u serju fid-data ta' meta sehh l-akkudut I- appellant jikkontendi li kellu jigi liberat mill-akkuzi fejn instab hati.

**It-TIELET Aggravju-Akkuza numru 5.**

Minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti ghandu jinghad li bid-dovut rispett lejn l- Eweel Onorabbli Qorti ma hemm l-ebda prova fl-atti li fil-perjodu tal-Harifa 2023 1- appellant kien qed jonsob u li kien naqas milli jzarma il-mansab de quo u allura per konsegwenza ma jista' jkun hemm l-ebda ksur tar-regolament 12(h) tal-L.S. 549.145.

Dan il-punt diga' gie deciz minn din l-Onorabbli Qorti fil-kaz Il-Pulizija vs Francis Farrugia (App. Nru. 532/2022) deciz fl- 20 ta' April 2023 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera fejn intqal:

Illi ma hemmx dubbju illi l-perjodu ghar-ricerka fil-Harifa 2021 kien wiehed maghluq u dan stante li jaghlaq fl-20 ta' Dicembru, 2021 kif ritenut supra u d-data specifika fuq il-kumparixxi hija dik ta' 5 ta' Jannar, 2022.

Ghaldaqstant ghandu ragun l-appellant isostni illi l-akkuzi fil-konfront tal appellant ma kellhomx jinhargu abbazi tal-licenzja specjali u dan ghaliex din kienet ilha iktar minn gimghatejn li giet invalidata. Ghalkemm huwa minnu illi fl-ewwel akkuza kontra 1-appellant hemm referenza ghall-ligi L.S. 594.42 u cioe' ir Regolamenti dwar il- Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, madankollu huwa il- kliem tal-akkuza li din il- Qorti trid taghti kaz u mhux sempliciment referenza ghal Legislazzjoni Sussidjarja.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-appellant fl-argument tieghu illi dan ma setax jigi akkuzat bl-akkuzi li gie rinfaccat bihom minhabba it trapass taz-zmien li kien ghaddha minn meta ghalaq il-perjodu ghar-ricerka tal-Harifa 2021. Quod nullum est

nullum producit Dak li hu null ma jipproduci l-ebda effett u ghalhekk il-prosekuzzjoni ma setghetx torbot l-akkuzi ma dokument null.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qiedgha tilqa' l-ewwel aggravju tal appellant u ghalhekk qiedgha thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Ewwel Qorti u tilliberah minn kull htija u piena'.

Ghaldaqstant, l-appellant umilment jemmen li kellu jigi liberat ukoll mill-hames (5) akkuza dedotta fil-konfront tieghu stante li l-istagun tal-Harifa kien ilu li inghalaq u huwa allegatament inqabad fir-Rebbieha.

**Ir-RABA' Aggravju-Talba ghas-sospensjoni ghal ghomru tal-licenzja in relazzjoni mat- Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.**

Minghajr pregudizzju ghall-aggravji diga' esposti l-appellant jemmen bi shih li erronjament l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx legalment korretta meta ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija kif mitlub mill-prosekuzzjoni.

L-appellant fl-ebda hin ma kien qed jikkaccja imma allegatament kien qed jonsob waqt stagun maghluq. It-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija titkellem fuq il-kaccatur u il-licenzji tal-kacca u allura ma ghandha x' taqsam xejn ma' dak li qed jigi allegat fuqu. Hu ma kienx qed jikkaccja, ma kellux l-ebda arma tan-nar fuqu u allura ma setax jispara lejn xi ghasfur li jkun ghaddej.2

Ghaldaqstant, l-appellant jemmen li hu ma kellux jigi sospiz mill-licenzja relevanti ghal ghomru taht it-Taqxıma XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghax dan il-Kodici ma japplikax ghal kaz odjern fejn hu ma kienx qed jikkaccja izda jonsob jew jipprova jiehu l-ghasfur.

**Il-Hames Aggravju- Piena.**

Bla pregudizzju ghal dak diga' sottomess fl-aggravji l-ohra ghandu jinghad dan fir-rigward tal-piena imposta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sospensjoni tal-licenzja ghal ghomru hija wahda esagerata mhix in linea ma' dak li solitu jinghataw mill-Qrati inferjuri kif ukoll konfermati minn dawn il-Qrati tal-Appell u allura l-appellant umilment jixtieq jissottometti li jekk l- aggravji l-ohra ma' jigux milqugha u minghajr pregudizzju ghall-istess kellu jinghata is- sospensjoni tal-licenzja fil-minimu taghha u dan jghodd ukoll ghal multa inflitta. Dan barra il-fatt li ma hemmx prova in atti li is-sentenza tat-28 ta' Novembru 2022 li milli jidher hija il-bazi tar-revoka tal-licenzja relattiva ghall-ghomor kienet wahda definittiva u li ma tistax tigi mibdula. Tali prova mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali hija kompletament nieqsa. Din kellha tkun l-ahjar prova li kellha tikkunsidra l-ewwel Onorabbli Qorti biex b' hekk tapplika is-sansjoni estrema tas- sospensjoni ghal ghomor. Konsegwentement anki fil-kaz tas-sospenzjoni tal-licenzja relattiva taht il-L.S. 549.42 kellha tapplika biss ir-regolament 27(1)(a) u xejn aktar.

Semghet lill-partijietit jghamlu is-sottomissjonijiet orali taghhom qabel ma din il-Qorti ghaddiet biex tippronunzja s-sentenza taghha

**Ikkunsidrat,**

Illi permezz **<u>tal-ewwel aggravju</u>** tieghu l-appellant qed jikkontesta l-validita' ta' l-affidavits ta' PC 349 Daniel Caruana u PC 872 Jean-Claude Farrugia. Huwa qed isostni illi PS 2335 R. Chetcuti, li amministrat il-gurament fuq l-affidavits ta' PC 349 Daniel Caruana u PC 872 Jean-Claude Farrugia, mhix persuna identifikabbli peress li isimha mhux imnizzel fis-shih. Sussegwentament l-appellant jghid ukoll illi fir-rigward ta' PS 2335 li amministra il-gurament ma hemmx prova fl-atti li dan kien ufficjal li seta' jaghti guramenti indikati fl-affidavits.

Illi l-appellant jtenni ukoll li PS 2335 R. Chetcuti, li amministrat il-gurament fuq l-affidavit ta' PC 349 Daniel Caruana u PC 872 Jean-Claude Farrugia, mhix persuna identifikabbli in linea mal-Kap 79 ghaliex isimha mhux imnizzel. In oltre, jghid ukoll

illi fl-atti ma hemm l-ebda prova li l-Kummissjunarju li amministra l-gurament fuq l-affidavits kien ufficjal bis-seta' li jaghti l-guramenti indikati. L-appellant fir-rikors tieghu ghamel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Grima et**[1] fejn wiehed mill-appellanti kien ressaq aggravju li ma giex pruvat ir-reat ta' gurament falz ghax ma giex ippruvat li gie amministrat lilu l-gurament minn persuna li kienet awtorizzata skond il-ligi li taghmel hekk. F'dan il-kaz il-Qorti kienet ikkonkludiet illi kellha issir din il-prova ta' din il-fakolta' hekk moghtija. Madankollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ma ghandu x'jaqsam xejn mal-fattispecje tal-kaz odjern. Kull kaz ghandu jigi mistharreg ghalih u din il-Qorti tfakkar ukoll li l-Qrati Maltin mhux marbuta mar-regola tal-precedent.

PS 2335 R. Chetcuti hija facilment identifikabbli, minkejja li huwa minnu li jkun iktar disederabbli li jitnizzel l-isem shih tal-Kummisjunarju li jkun qed jamminstra gurament. In oltre, l-appellant ma kellu xejn x'jimpedih milli jinvoka s-setgha li jaghtih l-Artikolu 360A tal-Kodici Kriminali sabiex iharrek lil persuna li tkun ghamlet l-affidavit u jtellghaha tixhed in kontro-ezami quddiem l-ewwel qorti. Huwa minnu li dawn huma proceduri sommarji, madankollu l-appellant dejjem seta' jitlob differiment sabiex dan isir f'kaz li ma kienx talab li jsir il-kotnro eami meta ircieva l-affidavits konvcernati. Fl-atti ma jirrizultax li saret talba konsimili. Ghalhekk l-affidavits ta' PC 349 Daniel Caruana u PC 872 Jean-Claude Farrugia, huma prova tal-kontenut taghhom u ghalhekk ammissibbli skont il-ligi.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tichad dan l-aggravju.

Illi permezz **tat-tieni aggravju** l-appellant jilmenta li d-data tal-incident hija wahda dubbjuza stante li skontu hemm dubju jekk id-data tal-incident hijiex dik tal-21 ta' Marzu 2024 jew it-22 ta' Marzu 2024. Id-data tal-akkuza hija dik tal-21 ta' Marzu 2024. Illi huwa minnu li a fol 8 hemm li l-*incident date* fir-rapport hija it-22 ta' Marzu 2024 u huwa minnu ukoll li a fol 9 hemm li l-azzjoni ittiehdet fil-21 ta' Marzu minghajr ma jigi specifikat is-sena.

[1] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar l-24 ta' Gunju, 1998.

Huwa minnu ukoll li a fol 44 Fiona Burrows originarjament fuq ir-rapport taghha kitbet li d-data tal-incident kienet dik tat-22 ta' Marzu 2024. Biss pero' illi meta hija xehdet *viva voce* fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2024, hija xehdet li d-data korretta kienet il-21 ta' Marzu 2024 u hija ukoll ikkorregit id-data li kienet indikata a fol 44. Il-fatt wahdu li hija talbet li tikkorregi din id-data ma jwassal ghal ebda pregudizzju ghal provi imressqa mill-prosekuzzjoni u ggib fix-xejn l-ilment tal-appellant f'dan ir-rigward. In sostenn tal-fatt li d-data korretta kienet proprju l-21 ta' Marzu 2024 hija riavvizata fil-affidavits ta' PC 349 Daniel Caruana u PC 872 Jean-Claude Farrugia li indikaw din id-data kif ukoll ix-xhieda ta' Cassie Sciberras Grech li xehdet in rapprezentanza tal-Wild Birds Regulation Unit li ukoll kkonfermat id-data tal-21 ta' Marzu 2024.

Illi dan kollu ma jhalli ebda dubbju li d-data korretta kienet proprju l-21 ta' Marzu 2024, liema data taqbel mad-data tal-akkuza u ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi michud.

Illi fir-rigward **it-tielet aggravju** l-appellant jishaq illi l-hames (5) akkuza ma tistax tirrizulta u jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Francis Farrugia** deciza fl-20 ta' April 2023 u jishaq li stante li f'dak il-kaz l-imputat kien gie liberat, l-akkuzat odjern similment ghandu jigi liberat mill-hames (5) akkuza. L-ewwel akkuza fis-sentenza kwotata madankollu kien differenti minn dik odjerna u kienet taqra kif gej:

*1. Ma ssodisfajtx il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja specjali biex tippartecipa fil-progett tal-Gvern ghar-ricerka fuq is-seba' speci ta' ghasafar tal-ghana fil-Harifa 2021 mahruga mit-Taqsima tar- Regolamentazzjoni ghall-ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' LS 549.145 u f'kull ligi ohra cioe' LS 549.42.*

Illi minn qari u l-komparazzjoni bejn il-hames (5) akkuza f'dawn il-proceduri u l-ewwel akkuza fil-kawza **Pulizija vs Francis Farrugia**[2] jirrizulta li dawn l-akkuzi huma differenti. Fis-sentenza **Pulizija vs Francis Farrugia**[3] l-akkuza kienet tirreferi principalment ghal fatt li huwa ma ssodisfax il-kundizzjonijiet specifikati fil-licenzja specjali sabiex jippartecipa fil-progett tal-Gvern ghar-ricerka fuq is-seba' speci ta' ghasafar tal-ghana fil-Harifa 2021. L-akkuzat f'dik il-kawza ma kienx instab hati ghaliex huwa kien nasab fi zmien oltre l-Harifa 2021 u ghalhekk l-agir illegali tieghu ma kienx jinkwadru ruhu fl-akkuza. Fil-kaz odjern l-akkuza tirrelata dwar il-fatt li meta l-istagun tal-insib kien ghalaq, l-imputat kien naqas li jzarma jew jnehhi l-imnasab (inkluz lasti u xbiek). Illi ma hemmx dubju li l-imputat huwa hati ta' din l-akkuza stante illi meta PC 349 Daniel Caruana u PC 872 Jean-Claude Farrugia marru fuq il-post huma sabu l-mansab armat kif ukoll Cassie Sciberras Grech in rapprezentanza tal-Wild Birds Regulation Unit ikkonfermat li dak iz-zmien ma kien hemm ebda stagun miftuh. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi michud.

Illi fir-rigward **ir-raba' aggravju** l-imputat jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tordna s-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Illi hawnhekk l-imputat ghandu ragun. Illi huwa korrett meta jghid li huwa ma kienx qieghed jikkaccja imma kien qieghed jonsob u ghalhekk it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija li titkellem fuq il-kaccaturi u l-licenzja tal-kacca ma tapplikax ghal kaz odjern. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi milqugh.

Illi fir-rigward **il-hames aggravju** dan jirrelata dwar il-piena l-appellant jghid li hija wahda eccessiva stante li l-ligi sussidjarja 549.42 u propju l-artikolu 27 (3) tipprovdi li f'kaz ta' htija jehel multa f'kaz ta' l-ewwel darba ta' mhux inqas minn hames mitt euro (€500) izda mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro ( €2,500) kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicti u ghalhekk ghandu ikun hemm riduzzjoni fil-piena f'kaz ta' htija.

---

[2] deciza fl-20 ta' April 2023
[3] Ibid

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **<u>il-Pulizija vs. Joseph Attard</u>** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Il-Qorti ovvjament mhux ser jidħol fil-mertu jekk il-piena għandhiex tingħata fil-minimu jew le – dik diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti, wara li tkun semgħat il-kaz odjern. Inoltre, d-diskrezzjoni tal-Qorti fl-għoti tal-piena għandha tiġi eżerċitata fil-parametri li tipprovdi l-Liġi stess, altrimenti ma jkollniex is-saltna safja tad-dritt[4]. F'dan il-kaz l-appellant instab hati ta' hames (5) reati u ghalhekk l-piena li inghatat zgur li tirrientra fil-parametri tal-Ligi kwotata stess mill-appellant. Il-piena imsemmija fir-regolament 27(3) tal-LS 549.42 tapplika individwalment ghal kull reat u kien biss ghaliex l-ewwel qorti tat piena kumulattiva u kumplessiva li inghata din il-multa ghaliex altrimenti zgur li kien jinghata piena aktar harxa. Illi di piu' il-fedina penali certament ma hijix wahda netta, anzi jirrizulta li l-imputat ripetutament xellef dufrejh mal-gustizzja inklouz kemm il-darba akkuzi relatati mal-kacca u l-insib.

L-imputat jishaq li ma gietx ezebita kopja tas-sentenza tat-28 ta' Novembru 2022 u ghalhekk ma saritx prova l-aqwa prova li l-imputat kien diga' instab hati. Din il-Qorti tghamilha cara li tali prova kienet tkun rikjesta li kieku l-appellant gie akkuzat u instab hati tal-akkuza ta' recidiv u mhux ai fini sabiex din il- qorti tara l-antecidenti tal-appellant sabiex tara liema hija l-piena idoneja li ghandha taghti. Jigi rilevat li minkejja

[4] Il-Pulizja Vs Micky Cutajar deciza fl-1 ta' Novembru 2024 mill-Qorti tal-Appell Kriminali

l-fedina penali refrattarja tal-appellant hemm ukoll ix-xhieda ta' Cassie Sciberras Grech, li ma gietx kotnradetta jwe mcahda, li xehdet in rapprezentanza tal-Wild Birds Regulation Unit fejn kkonfermat li l-licenzja tal-imputat kienet tinsab sospiza stante li l-imputat kien instab hati ta' kaz iehor. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi ukoll rigettat u l-piena inflitta konfermata flimkien mal-konfiska tal-*corpus delicti.* L-iskwalifika tal-licenzja tal-insib hija parti mill-piena tassattiva li ghandha tinghata mill-qorti u ghalhekk tali ordni ta' skwalifika qed tigi ukoll konfermata.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qieghda tilqa' ir-raba' aggravju tal-appellant u ghalhekk qieghda thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Ewwel Qorti meta hija skwalifikat lill-imputat milli jikseb licenzja jew permess relevanti mahruga taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija u mill-bqija din il-Qorti tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward il-mertu kif ukoll fir- rigward il-piena moghitja, il-konfiska tal-*Corpus delicti* esebiti fl-atti u l-Ordni ghas-sospenzjoni tal-licenzja jew permess relevanti mahrug taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 ghal ghomru. Din il-Qorti tikkonferma ukoll id-decizjoni tal-Ewwel Qorti meta hija illiberat lill-imputat mis-sitt akkuza dedotta kontra tieghu.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**